

Appell ippreżentat fid-19 ta' Ġunju 2013 mill-Kummissjoni Ewropea mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla) fl-10 ta' April 2013 fil-Kawża T-671/11, IPK International — World Tourism Marketing Consultants GmbH vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-336/13 P)

(2013/C 260/43)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Appellanti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Dintilhac, G. Wilms, G. Zavvos, aġenti)

Parti oħra fil-proċedura: IPK International — World Tourism Marketing Consultants GmbH

Talbiet tal-appellanti

- tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla) tal-10 ta' April 2013 fil-Kawża T-671/11;
- tiċħad ir-rikors ippreżentat fit-22 ta' Diċembru 2011 minn IPK International — World Tourism Marketing Consultants GmbH kontra l-Kummissjoni;
- tikkundanna lil IPK International — World Tourism Marketing Consultants GmbH għall-ispejjeż taż-żewġ istanzi.

Aggravji u argumenti prinċipali

Is-sentenza appellata hija żbaljata fid-dritt għal diversi raġunijiet:

- (a) Hija ma tiħux inkunsiderazzjoni l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tipprovdli li l-interessi kumpensatorji għandhom jikkompensaw l-inflazzjoni.
- (b) B'mod kuntrarju għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, hija ma tagħmilx distinzjoni bejn l-interessi kumpensatorji u l-interessi moratorji u tistabbilixxi l-ammont taż-żewġ rati skont ir-rata tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għall-operazzjonijiet prinċipali ta' rfinanzjament, b'żieda ta' żewġ punti.
- (c) Hija wettqet żball ta' kalkolu minħabba l-fatt li kkapitalizzat l-interessi kumpensatorji u kkalkolat l-interessi moratorji b'effett mill-15 ta' April 2011.
- (d) Hija tinterpreta b'mod żbaljat id-deċiżjoni kkontestata u s-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-297/05 ⁽¹⁾, u tiżnatura l-fatti.
- (e) Ma hijiex suffiċjentement motivata: hija ma tippermettix li wieħed jifhem ir-raġunijiet li jiġġustifikaw l-ammont tal-interessi u d-data li minnha ġew ikkalkolati l-interessi moratorji, u l-motivazzjoni hija fiha nfisha kontradittorja.

- (f) Hija tikser il-prinċipji tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-arrikiment indebitu.

⁽¹⁾ Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' April 2011, IPK International vs Il-Kummissjoni, Ġabra p. II-1859.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Supremo Tribunal Administrativo (il-Portugall) fl-24 ta' Ġunju 2013 — Cruz & Companhia Lda vs Instituto de Financiamento da Agricultura e Pescas, IP (IFAP)

(Kawża C-341/13)

(2013/C 260/44)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

Qorti tar-rinviju

Supremo Tribunal Administrativo

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Cruz & Companhia Lda

Konvenut: Instituto de Financiamento da Agricultura e Pescas, IP (IFAP)

Domandi preliminari

- (1) It-terminu ta' preskrizzjoni tal-proċedura prevista fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 ⁽¹⁾, tat-18 ta' Diċembru 1995, dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea, japplika biss għar-relazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-konvenut inkwantu huwa organu ta' ħlas ta' għajjnuna Komunitarja, jew ukoll għar-relazzjoni bejn il-konvenut inkwantu organu ta' ħlas ta' għajjnuna Komunitarja u r-rikorrenti inkwantu benefiċjarja ta' għajjnuna meqjusa li nġhatat indebitament?
- (2) Jekk tingħata rispostha fis-sens li t-terminu previst fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament huwa applikabbli wkoll għar-relazzjoni bejn l-organi ta' ħlas tal-għajjnuna u l-benefiċjarja tal-għajjnuna meqjusa li nġhatat indebitament, dan it-terminu għandu jinftehem li huwa applikabbli biss meta jkun hemm sanzjonijiet amministrattivi mqiegħda inkwistjoni, skont l-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95, tat-18 ta' Diċembru 2005 jew anki meta inkwistjoni jkun hemm "proċedura amministrattiva", skont l-Artikolu 4(1) tal-istess regolament, b'mod partikolari dik li jiġu rimborsati l-ammonti rċevuti indebitament?

⁽¹⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 1, p. 340.